MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 37

It-Tnejn, 24 ta' Lulju, 2017

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Johann Borg (JBO) | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjorina Michaela Maria Chircop Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

ASSENTI
Nil

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is- Sindku, is-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 37.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

37.1.1. Is- Sindku JC informa li l-Kunsilliera LAG talbet li tkun skużata fis-7.30pm.

37.1.2. Is-Sinjorina Michaela Maria Chircop talbet li tkun skużata minħabba raġunijiet ta' xogħol.

37.1.3. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 37.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

37.2.1. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tas-sitta u tletin (36) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

37.2.1.1. Il-Kunsilliera LAG ressqet mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera JBD favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 7 (LAG, JBD, JC, JB, SZ, AC, JBO)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

37.2.2. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal materja 36.2.1.4 li tirrigwarda il-bust ta' San Ġorġ Preca, u informa li ser ikompli jaħdem fuq il-materja wara l-festa tal-lokalita'.

37.2.3. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal materja 36.2.1.5 li tirrigwarda x-xogħlijiet tal-Qajjenza u staqsa jekk il-Kunsill ingħatax skeda.

37.2.3.1. Il-Kunsillier AC kien infurmat li x-xogħljiet tal-infrastruttura għandhom ikunu lesti sa Novembru, u l-*finishings* għandhom ikunu lesti sa April.

37.2.3.2. Il-Kunsill qabel li jinforma r-residenti bil-kuntatt ta' Transport Malta f'każ ta' diffikulta'.

37.2.4. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal materja 36.2.1.7.2 u ppropona li l-laqgħa ssir fit-8 t'Awwissu fil-5.30pm. Il-membri qablu unanimament.

37.2.5. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal materja 36.2.1.10, li tirrigwarda l-*bye-law* tat-*barbeques*, u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Huwa kien infurmat li għadu għaddej il-proċess tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

37.2.6. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal materja 36.3.7.3 u staqsa jekk intbagħtitx l-ittra. Huwa kien infurmat li l-ittra intbatet, iżda ma kienx hemm risposta riċevuta.

37.2.7. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal materja 36.4.1 li tirrigwarda sistema ta' *one way* ta' Triq il-Batterija. Huwa irrimarka li kif maqbul infetħet bi prova.

37.2.7.1. Il-Kunsill innota li minħabba diffikultajiet, is-sistema kella titreġġa' lura.

37.2.7.2. Il-Kunsill innota laqgħa li saret mal-"Kumitat għall-Qajjenza Aħjar" fejn ġiet diskussa din il-materja.

37.2.7.3. Il-Kunsill qabel, li minflok, issir talba lil Transport Malta biex isiru *bollards* fi Triq Għar Dalam sabiex ma jsirx dħul għal Triq Salvatore Cachia Zammit. B'hekk ma jkunx hemm bżonn li Triq il-Batterija tibqa *one-way.*

37.2.8. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal materja 36.2.1.2 li tirrigwarda senjalazzjoni fi Triq il-Port Ħieles, u staqsa jekk il-Kunsill irċeviex tweġiba. Huwa kien infurmat li l-Kunsill ma rċeviex risposta.

37.2.9. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal materja 36.3.6 u irrimarka li jkun tajjeb li l-Kunsilliera jiltaqgħu u jiddiskutu l-materja ta' ħruġ / ġbir ta' skart minħabba li qed jiżdied l-iskart mormi illegalment.

37.2.9.1. Is-Sindku informa li saret laqgħa mal-LESA f'dan ir-rigward, u li minnha irriżulta li hemm bżonn isiru tibdiliet fil-liġi. Huwa rrimarka wkoll li qed ikun hawn iktar sorveljanza mill-pulizija pajżana u mlil-Gwardjani Lokali.

37.2.10. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal materja 36.3.11 u staqsa jekk il-Kunsill irċeviex appuntament sabiex jiddiskuti l-proġett ħolistiku ta' riġenerazzjoni. Huwa kien infurmat li l-Kunsill għadu qed jistenna appuntament.

37.2.11. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal materja 36.4.6.2 li tirrigwarda bozza fi Triq tal-Karmnu, u staqsa jekk intbagħtitx il-korrispondenza lil Malta Enterprise.

37.2.11.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informaħ li għad m'għandux pjanta tas-sit fejn ser teħel il-bozza. Hu jkun jista jipproċessaha kif jiġi indikat is-sit eżatt.

## 37.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku.

37.3.1. Is-Sindku JC informa dwar e-mail riċevuta mis-Sur Kenneth Xuereb, Direttur Ġenerali tal-Maypole, fejn talab l-assistenza tal-Kunsill sabiex jipprovdi skips, biex b'hekk ikunu jistgħu jiddisponu mill-iskart iġġenerat b'mod iktar nadif u xieraq.

37.3.1.1. Il-Kunsill innota li tali skips, għandhom jiġu provduti mill-operatur stess u mhux mill-Kunsill, u dan taħt obbligu li huwa jkollu meta jingħata l-liċenzja biex jopera.

37.3.1.2. Il-Kunsill qabel li jikkunsidra proposta ta' tpoġġija ta' skip, madankollu, s-sit irid jiġi diskuss u approvat minn qabel.

37.3.2. Is-Sindku JC informa dwar Ċirkulari 17-2017 riċevuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn infurmaw bil-proġett Wifi4EU.

37.3.2.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li mhuwiex interessat jipparteċipa.

## 37.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

37.4.1. Il-Kunsillier AC staqsa b'mod ġenerali fuq il-*bollards* u katina li saret fejn l-istabbiliment "Seaside".

37.4.1.1. Is-Sindku JC informa li l-*bollards* saru minflok iċ-ċint li kien hemm, u dan sabiex ikunu jistgħu jidħlu vetturi tas-servizzi. Huwa żied jgħid li l-katina li saret, hija irqiqa u ser tinbidel għal waħda iktar ħoxna.

37.4.2. Il-Kunsillier AC staqsa dwar id-*deckchairs* li jiġu armati fil-Bajja s-Sabiħa, u dan wara diversi kummenti fuq il-midja soċjali.

37.4.2.1. Is-Sindku spjega li dik hija materja regolata mil-*Lands Department*, u l-*Malta Tourism Authority*. Huwa informa li qed isiru viżiti ta' sorveljanza.

37.4.2.2. Il-Viċi Sindku JB irrimarka li skont informazzjoni li għandu, operatur wieħed biss għandu l-permess li jista' jarma. Huwa informa li ż-żewġ operaturi l-oħra kellhom il-permess irtirat fis-sajf 2016.

37.4.3. Il-Kunsillier AC staqsa dwar il-festun li jintrama fix-xatt.

37.4.3.1. Is-Sindku informa li l-festun twaħħal fil-ġranet li għaddew.

37.4.4. Il-Kunsillier AC staqsa dwar karozzi ipparkjati illegalment fuq il-prominad.

37.4.4.1. Il-Kunsill innota li diversi membri tal-Kunsill irraourtaw il-każ u ġibdu l-attenzjoni kemm il-darba fl-għassa tal-Pulizija

37.4.4.2. Is-Sindku informa li nħarġu numru ta' kontravenzjonijiet.

37.4.4.3. Il-Kunsill qabel li jsiru *bollards* bil-katnazzi.

37.4.4.4. Il-Kunsill qabel ukoll li jsir l-istess, b'katina, fejn il-Lukanda Waters Edge minħabba ipparkjar ta vetturi b'mod illegali.

37.4.5. Il-Kunsilliera JBD staqsiet lis-Sindku dwar il-laqgħa mal-Onorevoli Deo Debattista li kellha tiġi posposta minħabba attivitajiet oħra tal-lokalita. Hija talbet lis-Sindku sabiex tiġi preparata aġenda waħda, bil-punti tal-Kunsilliera. Dawn għandhom jinkludu l-manutenzjoni tal-pont u kamera tas-sigurta', fil-Bajja s-Sabiħa.

37.4.5.1. Is-Sindku irrimarka li jaqbel mas-suġġeriment, madankollu, il-manutenzjoni tal-pont għandha tkun inkluża fil-Masterplan ta' Riġenerazzjoni.

37.4.6. Il-Kunsillier SZ saqsa lis-Sindku JC dwar ir-*railing* nieqes li hemm f'Wied il-Buni, u talab li jsir intervent sabiex jiġi evitat xi inċident.

37.4.6.1. Il-Kunsill qabel li għandha tintalab l-assistenza taħt il-kappa tal-proġett tal-Masterplan tar-Riġenerazzjoni, sabiex jitqegħdu blokki tal-konkrit jew xi miżura oħra.

37.4.7. Il-Kunsillier JB irrimarka li l-Kunsill waqa' lura fil-ġbir, u staqsa lis-Sindku jekk hux ser isiru aġġustamenti.

**NB: 6.45pm: il-laqgħa ġiet xolta sabiex jingħaqad mal-mejda il-kuntrattur li jipprovdi servizz ta' trakk.**

**NB: 6.55 pm: Il-laqgħa tkompliet**

37.4.7.1. Il-Kunsill qabel li jiġi mmodifikat is-servizz partikolarment għas-sajf, li huwa l-perjodu li fih jiżdiedu t-talbiet.

37.4.8. Il-Kunsillier JB għamel referenza għat-Trasport Pubbliku fil-ġimgħa tal-festa, u irrimarka li ma -għeluq tax-xatt, it-trasport jieqaf biss sal-pjazza tal-Knisja, b'hekk il-pubbliku tan-naħa Tal-Papa ma jkunx servut, u jkollu mixja twila.

37.4.8.1. Il-Kunsill qabel li jsiru arranġamenti, bl-għajnuna tal-Malta Public Transport, jew inkella, permezz ta' servizz privat, u dan ikun kull nofs siegħa, bejn is-6.00 pm u d-9.00 pm.

37.4.9. Il-Kunsillier JBO għamel referenza għal Sqaq il-Brolli, kantuniera ma' Triq il-Port Ħieles, u staqsa jekk hemmx senjalazzjoni tat-traffiku, għax qed isir sewqan eċċessiv.

37.4.9.1. Is-Sindku ikkonferma li hemm senjalazzjoni, madankollu, qabel li ssir spezzjoni fuq il-post biex jevalwa soluzzjoni aħjar.

37.4.10. Il-Kunsillier SZ informa lis-Sindku li talab xi informazzjoni fuq l-iżvilupp ta' Triq il-Girgħien, permezz ta' e-mail indirizzata lilu, u talbu jgħaddilu l-informazzjoni mitluba iktar 'il quddiem.

37.4.11. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku dwar possibbilta' li ssir attivita' Gloria Festival, li huwa kor minn 40/ 50 mużiċist barrani. L-ispiża tiegħu tkun madwwar €350, għal trasport u *refreshments* .

37.4.11.1. Is-Sindku flimkien mal-membri preżenti qablu li l-attivita' tista' ssir permezz ta' *sponsorships*, preferibilment fl-10 jew fil-11 t'Ottubru 2017.

37.4.12. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku dwar ix-xogħlijiet ta' qtugħ ta' ħaxix ħażin f'Wied il-Qoton.

37.4.12.1. Is-Sindku wieġeb li għaddej programm ta' xogħol, fejn l-ewwel qed jinqata' l-oħxon, u wara jinqata' l-irqiq.

37.4.13. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku dwar il-possibbilta' li l-Kunsill jikkunsidra *sleeping policemen* fi Triq San Ġwann kantuniera ma' Triq San Franġisk Saverju.

37.4.13.1. Il-Sindku JC irrimarka li jkun iktar għaqli li ssir sistema ta' mmaniġġjar tat-traffiku kompluta, permezz ta' *one-ways*. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier SZ jabbozza l-pjanti neċessarji.

## 37.5 Rapporti

37.5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq rapport mill-*Contracts Manager* dwar il-kuntrattur li jagħti servizz ta' knis u tindif ta' toroq. (Anness Dok A1).

37.5.1.1. Is-Sindku informa li minn dakinhar tar-rapport lil hawn, ġie impjegat ħaddiem ieħor addizzjonali mill-kuntrattur, sabiex iwettaq xogħol aħjar.

37.5.2. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq rapport finanzjarju tat-Tieni Kwart tas-Sena 2017 (Anness Dok A2)

37.5.2.1. Il-Kunsillier JB ressaq mozzjoni, issekondata mill-Kunsilliera LAG, favur l-approvazzjoni tad-dokument. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

37.5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-balance sheet tax-xahar ta' Ġunju 2017 (Anness Dok A3)

37.5.3.1. Il-Kunsillier AC ressaq mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier SZ, favur l-approvazzjoni tad-dokument. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

37.5.4. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport imħejji bħala applikazzjoni tal-Attivita' "Joys of Gospel and Art"

37.5.4.1. Il-Kunsillier AC ressaq mozzjoni, issekondata mill-Kunsilliera JBD, favur l-approvazzjoni tal-applikazzjoni. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 37.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

37.6.1. Ma kienx hemm rapporti mressqa.

## 37.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

37.7.1. Is-Sindku JC ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 07/17 li ġiet iċċirkulata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK B1).

37.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera JBD u ssekondata mill-Kunsillier JBO, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur nem con.

37.7.2. Is-Sindku JC ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Cash* għal Ġunju bir-riferenza 06/2017 (Anness Dok B2), li ġie ċċirkulat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

37.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier AC u ssekondata mill-Kunsillier SZ, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

37.7.3. Is-Sindku JC issuġġerixxa li jinxtara xkaffar għal garaxx il-ġdid. Il-Kunsill qabel li jinxtraw settijiet ta' xkaffar, b'valur ta' €500.

## 37.8 Mozzjonijiet;

37.8.1. Mozzjoni 37.8.A imressqa mill-Kunsilliera JBD (Dok C1)

"Sabiex jitwaħħal *railing* quddiem ir-residenza tas-Sinjura Farrugia, fl-indirizz 34, St. Joseph Street, Birzebbuga, u dan minħabba li din il- persuna qed issib ostakli personali."

Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier SZ.

Il-Kunsill innota li fit-tali żona hemm problema bil-parkeġġ, u li f'ħafna okkazjonijiet il-parkeġġ joħloq inkonvenjent u periklu.

Ittieħed vot favur il-mozzjoni bir-riżultat ikun:

| | |
|---|---|
| Favur: | 7 (JBD, SZ, JC, JB, LAG, AC, JBO) |
| Kontra: | 0 |
| Astensjonijiet: | 0 |

## 37.9 Proġett Skatepark;

37.9.1. Il- Sindku JC informa li fil-ġranet li ġejjin, ser isiru l-istudji ġeoloġiċi bżonnjuzi għal dan il-proġett. Huwa informa li jekk il-blat ma jinstabx fl-ewwel metru u nofs, ikun hemm ir-riskju li l-proġett ma jsirx fil-bajja, iżda jkollu jsir f'post alternattiv.

**NB: 7.35 pm: Il-Kunsilliera LAG talbet li tkun skużata.**

## 37.10 Barrier fi Triq Wied il-Qoton;

37.10.1. Is-Sindku JC informa li kien hemm talba għal *barrier* fi Triq Wied il-Qoton, minħabba li din it-triq tagħti għal fuq il-Wied.

37.10.2. Il-Kunsill qabel li ssir verifika tas-sit, qabel li jieħu deċiżjoni.

## 37.11 Fond Manutenzjoni ta' Toroq;

37.11.1. Is-Sindku JC informa dwar il-fond maħruġ mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali – Għoti mill-Ġdid ta’ Tarmak, u fakkar li kif maqbul internament, minħabba d-data tal-iskadenza intbagħtet il-lista ta’ prijorita’ b’dawn it-toroq, abbażi tal-istimi li l-Kunsill kellu għad-dispożizzjoni tiegħu:

- Triq il-Qroll
- Triq Ġużeppi Despott

37.11.2. Huwa fakkar li hemm żewġ toroq li jinħteġilhom manutenzjoni li huma Triq il-Musbieħ u Triq il-Bżulija, iżda l-Kunsill m’għandux stimi ta’ dawn it-toroq. Dawn it-toroq qed jiġu kkunsidrati minn Projects Plus sabiex jiġu nkluzi fil-Masterplan ta’ Riġenerazzjoni.

37.11.3. Il-Kunsill qabel li għandu jkollu stima ta’ Triq Bengħisa, il-parti ta’ quddiem il-kappella.

## 37.12 Sleeping Policemen fi Triq il-Port Hieles;

37.12.1. Is-Sindku JC irrimarka li din il-materja ġiet diskussa f’materja 37.2.8

## 37.13 Ħatra ta’ Deputat Segretarju Eżekuttiv;

37.13.1. Is-Sindku JC tkellem dwar e-mail riċevuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn fakkru sabiex jinħatar Deputut Segretarju Eżekuttiv.

37.13.2. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv skont il-parametri stabbiliti.

## 37.14 Festa tal-Lokal 2017;

37.14.1. Is-Sindku ressaq talba mis-Sinjura Lucienne Cassar, sabiex matul il-ġimgħa tal-Festa, meta x-xatt ikun magħluq, titħalla tipparkja l-vettura tagħha fuq l-ispazju riservat għal persuni b’diżabilita viċin id-dar tagħha, minħabba li hija tieħu ħsieb żewġ anzjani fl-istess residenza,

37.14.1.1. Il-Kunsill qabel li jagħti permess li tidħol ix-xatt, sal-parkeġġ tal-persuni b’diżabilita’.

37.14.2. Is-Sindku ppropona li għal ġimgħa tal-festa, jinfetaħ il-parkeġġ tal-iskola bħas-sena l-oħra, sakemm ma jinvolvix spejjeż.

37.14.3. Is-Sindku informa dwar ittra riċevuta mis-Sur Ivan Zammit Segretarju tal-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen, Birżebbuġa, fejn wera d-diffikultajiet tal-Għaqda għal fatt li l-Għaqda l-oħra ngħataw permess iwaħħlu xi bnadar fil-pjazza. Is-Sindku informa wkoll li s-Sur Zammit talab li meta l-Kunsill jiddiskuti affarijiet relatati jew li jimpattaw il-baned lokali, tintbagħat kopja tal-korrispondenza lill-għaqdiet.

37.14.3.1. Il-Kunsill innota li intalbet *no–objection* għal-toqob tal-bnadar, u din ingħatat, madankollu il-Kunsill kien infurmat li dawn mhux ser isiru.

37.14.3.2. Il-Kunsill innota li għalkemm jaqbel mal-armonija, m'għandux jidħol bejn l-għaqdiet.

37.14.3.3. Il-Kunsill innota li l-minuti pubbliċi jittellgħu fuq is-sit tal-Kunsill fi żmien tlett ijiem.

37.14.3.4. Il-Kunsill ma qabilx li korrispondenzi tal-Kunsill jintbagħtu kif mitlub.

## 37.15 Film Festival China Cultural Centre;

37.15.1. Is-Sindku JC fakkar dwar l-attivita' ta' *Film Screening* li ser tinżamm nhar il-Ġimgħa 28 u s-Sibt 29 ta' Lulju 2017, u li għaliha hemm mistiedna numru ta' persuni distinti.

37.15.2. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill involva ruħu fejn jidħol armar u żarmar, provvediment ta' siġġijiet, u PA System.

## 37.16 Aċċessibilita' f'Wied il-Buni;

37.16.1. Il-Kunsilliera JBD irrimarkat lit-rampa tal-aċċessibilita' li jagħtu għal fuq il-blat ta' Wied il-Buni mhijiex ideali għal tali użu.

37.16.1.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill innota li hemm rampa li tagħti għal fuq il-pjattaforma tal-konkos, madankollu r-rampi l-oħra jwasslu għal fuq il-blat naturali, li minnu mhuwiex lixx.

## 37.17 Applikazzjonijiet ta' Żvilupp;

37.17.1. Ma kienx hemm applikazzjonijiet diskussi.

## 37.18 Street Lighting;

37.18.1. Il-Kunsillier AC ressaq suġġeriment sabiex issir bozza fil-parti ta’ fuq ta’ Triq F.M. Ferretti, kantuniera ma’ Triq De Redin.

37.18.2. Il-Kunsill qabel li ssir l-applikazzjoni neċessarja.

## 37.19 Applikazzjonijiet ta’ Stands u Attivitajiet;

37.19.1. Is-Sindku ressaq talba riċevuta mis-Sur Giuseppe Spampinato sabiex jarma *stand* b’ħelu Sqalli bejn it-18 ta’ Lulju 2017, u 18 t’ Awwissu 2017.

37.19.1.1. Il-Kunsill laqa’ t-talba għal permess, fil-ġranet li ma hemmx attivitajiet oħra, bil-kundizzjoni li ma jistax juża ġeneraturi tal-elettriku, u s-sit ma jkun xingumbrat meta ma jkunx armat, u li l-post dejjem ikun nadif. Il-Kunsill qabel li jintalab depożitu ta’ € 300.

37.19.2. Is-Sindku ressaq talba riċevuta mis-Sur Ivan Zammit sabiex issir esibizzjoni statika ta’ Land Rovers fil-Pjazza (fejn jinħaraq in-nar tal-art, fuq in-naħa tar-Rainbow Stationery), il-Ġimgħa 28 ta’ Lulju 2017, bejn is-7.30pm u l-11.00 pm.

37.19.2.1. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjonijiet ġenerali tal-Kunsill, inkluż protezzjoni tal-art taz-zuntier.

## 37.20 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

37.20.1. Il-laqgħa intemmet fit-8.28 ta’ filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn 21 ta’ Awwissu 2017 fil-5.30 pm.

Konfermati, illum 21 ta’ Awwissu, 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Joseph Cutajar<br>Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv |